

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2016/C 101/03)



*Il-wiċċ nazzjonali tal-munita k commemorattiva l-ġdida taż-EUR 2 għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Monaco*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u l-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinj tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li jgħorġu muniti k commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn k commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed jgħorġ il-munita:** Monaco

**Is-suġġett ta' k commemorazzjoni:** Il-150 anniversarju mill-fondazzjoni ta' Monte Carlo minn Charles III

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Id-disinn juri lil CHARLES III u fl-isfond MONTE CARLO. Fin-naħa ta' fuq, l-isem tal-pajjiż tal-ħruġ "MONACO" maġenb il-marka taz-zekka u l-marka tal-mastru taz-zekka. Fin-naħa ta' isfel, f'nofs ċirku mix-xellug għal-lemin hemm l-iskriżzjoni "1866 CHARLES III FONDE MONTE CARLO 2016".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu:** 15 000

**Data tal-ħruġ:** 1 ta' Ġunju 2016

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).